# Beati u Qaddisin....Marzu

## SAN PATRIZJU, ISQOF U APPOSTLU TA' L-IRLANDA

## 17 TA' MARZU

Patrizju twieled lejn tmiem ir-raba seklu gewwa villagg jismu Bonaven Taberniæ, gewwa l-Iskozja. Huwa jirreferi ghalih nnifsu bhala kemm Ruman kif ukoll Brittaniku. Jghid ukoll li missieru, Calphurnius kien



gej minn familja tajba. Xi kittieba jiktbu li ommu kien jisimha Conchessa u li kienet in-neputija ta' San Martin minn Tours. Meta kellu 16 il-sena huwa gie mehud mill-barbari gewwa l-Irlanda fejn kien sfurzat li jiehu jirghu l-merhliet fuq il-muntanji u fil-foresti.  Kien ibati l-guh u anke il-bard billi ma tantx kellu hwejjeg x'jilbes. F'dan l-istat huwa rrikorra lejn Alla bit-talb u penitenza.  Il-fidi tieghu f'Alla kibret u jum wiehed Alla nebbhu biex imur lura lejn art twelid. Kien hemm vapur li kien ser isalpa, izda ma riedux jaghtuh passagg billi ma kellux flus biex ihallas. Filwaqt li kien sejjer lura, il-bahrin giethom hniena minnu u tellghuh fuq il-vapur.

Meta rritorna lura f'pajjizu Patrizju kellu holma li jiddeskriviha fil-memorji tieghu:  "Jiena rajt ragel gej bhallikieku mill-Irlanda.  Ismu kien Victorius u mieghu kien qed igorr bosta ittri. U tani wahda li t-titlu taghha kien – Lehen l-Irandizi. Meta beda' jaqra l-ittra huwa sthajjel li qed jisma' lehen l-Irlandizi jitolbuh biex jigi u jghix maghhom."

Il-vizzjoni gaghlitu jistudja ghal sacerdot.  Huwa kien ordnat qassis mill-isqof ta' Auxerre, San Germanus li taht id-direzzjoni tieghu

studja ghal bosta snin u aktar tard gie konsagrat isqof u mibghut biex ixerred l-evangelju fost l-Irlandizi.
Fis-sena 433, fil-25 ta' Marzu Patrizju wasal gewwa Slane, fl-Irlanda. Minkejja xi resistenza mill-pagani bil-ghajnuna ta' Alla rnexxilu jikkonverti bosta u bosta Irlandizi ghall-Kristjanezmu u anke jibni bosta knejjes mal-pajjiz kollu. Biex ifiehem il-misteru tat-Trinita huwa kien juza' ix-*Shamrocks,* il-pjanta nazzjonali ta' l-Irlanda.
Dam jippriedka gewwa l-Irlanda ghal 40 sena u ghamel bosta mirakli biex jipprova li t-taghlim li kien ixandar kien il-verita'. Wara hafna tahbit u tbatija biex iwassal il-mesagg ta' Kristu fost l-Irlandizi huwa miet f'Marzu 17 tas-sena 461.
Miet gewwa Saul fejn kien bena' l-ewwel knisja irlandiz. Jinghad li huwa midfun gewwa l-Katidral ta' Down, f'Downpatrick.